Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

Data tal-laqgħa: 2 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-Kunsillier Mary Louise Briffa, bħala l-kunsillier l-aktar anzjana hekk kif imfisser fl-Att dwar Gvern Lokali, ippresjediet l-ewwel parti tal-laqgħa, sakemm il-Kunsillier, Dr Angelo Micallef aċċetta l-Kariga ta' Sindku.

## 1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga mis-Sindku u mill-Viċi Sindku

1.1.1 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa fetħet din l-ewwel laqgħa tal-Għaxar Kunsill billi ferħet lill-membri eletti u awgurat li l-membri jaħdmu kollha flimkien bħala *team* wieħed għall-ġid tar-raħal. Wara għaddiet għall-ewwel *item* fuq l-Agenda.

1.1.2 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa staqsiet lill-Kunsillier, Dr Angelo Micallef jekk kienx se jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Huwa qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga.

1.1.3 Is-Sindku, Dr Angelo Micallef irringrazzja lill-Kunsillier Mary Louise Briffa u kompla jippresjedi l-laqgħa bħala Sindku.

1.1.4 Imbagħad is-Sindku, Dr Angelo Micallef għadda biex jistaqsi lill-Kunsillier Edward Grech jekk kienx se jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga.

## 1.2 Ġurament tal-Kariga ta' Sindku u Viċi Sindku

1.2.1 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Amanda Vella, li kienet preżenti għal-laqgħa stiednet lis-Sindku Dr Angelo Micallef biex jaqra d-Dikjarazzjoni tal-Ġurament, jiffirmaha u jbus is-salib. Is-SE ippreżentat il-*lapel badge* u l-*Insignia* uffiċjali lis-Sindku.

1.2.2 Imbagħad Dott. Amanda Vella stiednet lill-Viċi Sindku Edward Grech biex jaqra d-Dikjarazzjoni tal-Ġurament, jiffirmaha u jbus is-salib.

## 1.3 Diskors mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku għamel diskors qasir tal-okkażjoni, fejn fost oħrajn, irringrazzja l-membri li servew fil-leġiżlatura preċedenti tal-ħidma tagħhom u awgura lill-Kunsilliera l-ġodda. Huwa appella lill-Kunsill il-ġdid biex kulħadd jaħdem bħala *team* wieħed għall-aħjar tal-lokalità u fl-interess tar-residenti.

## 1.4 Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

1.4.1 Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħat statutorji tal-Kunsill jibdew fil-5.00pm. Kien hemm qbil ukoll li l-ħin għal-laqgħat urġenti u l-laqgħat tal-Kunsill meta tinzerta fl-istess ġurnata mal-Laqgħa tal-Lokalità, jiġu deċiżi skond il-ħtieġa.

## 1.5 Preżentazzjoni mis-Sindku tar-responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsilliera

1.5.1 Is-Sindku ressaq lista ta' responsabbiltajiet (annessa) lil kull membru tal-Kunsill, ta spjegazzjoni qasira dwar x'inhuma r-responsabbiltajiet u rrisponda xi mistosijiet li kellhom il-membri dwar ir-responsabbiltajiet li ġew mgħotija lilhom.

1.5.2 Is-Sindku qal li, kull kunsillier għandu d-dritt li jaħtar sottokumitat, fejn il-membri ta' dan is-sottokumitat għandhom l-ewwel jiġu approvati mill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li, fl-aħħar ta' kull sena, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli, liema rapporti jiġu inklużi fir-Rapport Amministrattiv.

1.5.3 Is-Sindku infurma wkoll li ser jkun qed ikompli jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Kunsill tar-Reġjun Tramuntana u f'każ li huwa ma jkunx jista' jattendi għal xi laqgħa tar-Reġjun, il-Viċi Sindku Edward Grech u l-Kunsillier Mary Louise Briffa ser ikunu il-membri sostituti.

## 1.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

1.6.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

1.6.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 17 ta’ Lulju 2024 fl-5.00pm.

Konfermati, l-Erbgħa, 17 ta’ Lulju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |